DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/269

tat-30 ta' Jannar 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward l-emendar tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE (Depożitarju Ċentrali tat-Titoli — il-Liechtenstein)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, inter alia, l-Anness IX tiegħu.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ġie inkorporat fil-Ftehim ŻEE permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2019 ([4]) u huwa msemmi fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE.

(4) L-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jagħti lil-Liechtenstein deroga li tippermetti lid-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli ta' pajjiżi terzi li diġà jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein biex ikomplu jipprovdu tali servizzi msemmija f'dak l-Artikolu għal perjodu li ma jaqbiżx il-ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2019.

(5) Fit-2 ta' Novembru 2022, il-Liechtenstein ressaq talba għall-estensjoni tad-deroga msemmija fl-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE lil hinn mit-8 ta' Frar 2024, għal perjodu li ma għandux jaqbeż is-seba' snin.

(6) L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat fis-sens li Depożitorji Ċentrali tat-Titoli ta' pajjiżi terzi li diġà jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein jitħallew ikomplu jipprovdu tali servizzi għal perjodu li ma jaqbiżx is-seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-abbozz anness tad-deċiżjoni. Madankollu, l-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi rieżaminat jekk l-Artikolu 25 jew 69 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jiġi emendat matul dak il-perjodu ta' żmien.

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2019 tat-8 ta' Frar 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2019/341] (ĠU L 60, 28.2.2019, p. 31).

(7) Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emendar propost tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. KULLGREN

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru ...

ta' ...

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 ([1]) ġie inkorporat fil-Ftehim ŻEE permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2019 tat-8 ta' Frar 2019 ([2]) u huwa msemmi fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE.

(2) Il-kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi fiż-Żona Ekonomika Ewropea minn depożitorji ċentrali tat-titoli (central securities depositories, CSDs) stabbiliti f'pajjiż terz huma rregolati mill-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

(3) L-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jagħti lil-Liechtenstein deroga li tippermetti lil CSDs ta' pajjiżi terzi li diġà jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein biex ikomplu jipprovdu tali servizzi sa ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2019 tat-8 ta' Frar 2019.

(4) Jenħtieġ li l-adattament (c) fil-punt 31b tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat fis-sens li CSDs ta' pajjiżi terzi li diġà jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein jitħallew ikomplu jipprovdu tali servizzi għal perjodu li ma jaqbiżx is-seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Madankollu, jekk l-Artikolu 25 jew 69 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jiġi emendat matul dak il-perjodu ta' żmien, jenħtieġ li l-adattament (c) jiġi rivedut skont dan.

(5) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

(c) "Il-Liechtenstein jista' jħalli lil CSDs ta' pajjiż terz li diġà jipprovdu servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) lil intermedjarji finanzjarji fil-Liechtenstein jew li diġà stabbilew fergħa fil-Liechtenstein, ikomplu jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 25(2) għal perjodu li ma jaqbiżx seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-Deċiżjoni].".

Artikolu 2

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jirrevedu l-adattament (c) fil-punt 31bf tal-Anness IX meta jinkorporaw fil-Ftehim ŻEE kwalunkwe att li jemenda jew jissostitwixxi l-Artikolu 25 jew 69 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1.
([2]) ĠU L 60, 28.2.2019, p. 31.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, […].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

(*) [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]